Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10177 — Repsol/Suez/Ecoplanta)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 170/07)

1. Fis-27 ta' April 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Suez Recycling and Recovery Spain, S.L., parti mill-Grupp Suez ("Suez", Franza),

— Repsol Industrial Transformation, S.L., parti mill-Grupp Repsol ("Repsol", Spanja),

— Ecoplanta Molecular Recycling Solution, S.L. ("Ecoplanta", Spanja), bħalissa kkontrollata minn Suez.

Suez u Repsol jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' Ecoplanta.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Suez: attivitajiet ta' ġestjoni tal-ilma u tal-iskart,

— Repsol: il-manifattura u l-kummerċjalizzazzjoni ta' kull tip ta' prodotti kimiċi, inklużi petrokimiċi,

— Ecoplanta: l-iżvilupp, il-kostruzzjoni u t-tħaddim ta' faċilità mill-iskart għall-biofuels / sustanzi kimiċi biex il-materja prima muniċipali li ġejja mill-iskart solidu tinbidel f'bijometanol fil-provinċja ta' Tarragona, Spanja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10177 — Repsol/Suez/Ecoplanta

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.